

**Brussell, 19 ta' Lulju 2022
(OR. en)**

11494/22

**EF 216
ECOFIN 746
DELECT 129**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Lulju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 4845 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 13.7.2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti u l-arranġamenti għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 4845 final.

Mehmuż: C(2022) 4845 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.7.2022
C(2022) 4845 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 13.7.2022

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti u l-arranġamenti għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 12(16) tar-Regolament (UE) Nru 2020/1503 dwar il-Fornituri ta' Servizzi ta' Finanzjament Kollettiv Ewropej għan-negozju ("ir-Regolament") jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, wara s-sottomissjoni tal-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), u skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, atti delegati li jispeċifikaw ir-rekwiżiti u l-arranġamenti għall-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 12, inklużi l-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni.

L-Artikolu 12 tar-Regolament jikkonċerna l-awtorizzazzjoni l-għoti ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv skont ir-Regolament. L-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) jirrikjedi li persuna ġuridika li jkollha l-intenzjoni li tipprovi servizzi ta' finanzjament kollettiv jenħteġ li tapplika mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita għal awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv.

F'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru (UE) Nru 1095/2010 li jstabbilixxi l-ESMA, il-Kummissjoni, fi żmien tliet xhur mill-wasla tal-abbozz tal-istandards, għandha tiddeċiedi tapprovax l-abbozzi ppreżentati. Il-Kummissjoni tista' tapprova wkoll l-istandards abbozzati b'mod parzjali biss jew b'emendi, fejn l-interessi tal-Unjoni jkunu jeżiġu dan, filwaqt li tqis il-proċedura speċifika stipulata f'dan l-Artikolu.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozzi tal-istandards tekniċi ppreżentati lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 12(16) tar-Regolament. Id-dokument ta' konsultazzjoni ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2021 fuq is-sit web tal-ESMA u l-konsultazzjoni għalqet fit-28 ta' Mejju 2021. Barra minn hekk, l-ESMA talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. Fir-rapport finali dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi, l-ESMA ppreżentat spjegazzjoni dwar kif l-eżitu ta' dawn il-konsultazzjonijiet tqies fl-iżvilupp fl-abbozz tal-istandards tekniċi abbozzati ppreżentati lill-Kummissjoni.

Flimkien mal-abbozz ta' standards tekniċi, u skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA ppreżentat l-analiżi tagħha tal-kostijiet u l-benefiċċji relatati mal-abbozz ta' standards tekniċi ppreżentat lill-Kummissjoni. Din l-analiżi hija inkluża fir-Rapport Finali dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi disponibbli fuq https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma35-42-1183_final_report_-_ecspr_technical_standards.pdf.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-istandards tekniċi abbozzati jstabbilixxu regoli dwar il-ħatra ta' punt ta' kuntatt mill-awtoritajiet kompetenti biex jirċievu l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, ir-regoli dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni abbażi tal-formola standard u r-regoli dwar il-konferma tar-riċevuta mibgħuta lill-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv prospettiv. L-istandards tekniċi abbozzati jiċċaraw ukoll l-impatt fuq il-limitu ta' żmien wara t-talba mill-awtorità kompetenti biex tiġi pprovduta informazzjoni nieqsa, kif ukoll regoli dwar in-notifika ta' kwalunkwe bidla fl-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 13.7.2022

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti u l-arranġamenti għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar fornituri Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negozji, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937¹, u b'mod partikolari ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 12(16) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex jiġi żgurat mekkaniżmu uniformi li permezz tiegħu l-awtoritajiet kompetenti jeżerċitaw b'mod effettiv is-setgħat tagħhom fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv prospettivi, huwa xieraq li jiġu stabbiliti formoli, mudelli u proċeduri standard komuni għal tali applikazzjonijiet.
- (2) Sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv prospettiv u l-awtorità kompetenti, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti taħtar punt ta' kuntatt speċifikament għall-fini tal-proċess ta' applikazzjoni u jenħtieġ li tagħmel id-dettalji ta' kuntatt rilevanti pubbliċi fuq is-sit web tagħha.
- (3) Sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tivvaluta bir-reqqa jekk l-applikazzjoni hijiex kompluta, meta l-awtorità kompetenti tirrikjedi li l-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv prospettiv jipprovdi informazzjoni nieqsa, il-limitu ta' żmien għall-valutazzjoni tal-kompletezza tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE) 2020/1503 jenħtieġ li jiġi sospiż mid-data li fiha tintalab tali informazzjoni sad-data li tasal għand l-awtorità kompetenti.
- (4) Sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tivvaluta jekk il-bidliet fl-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni jistgħux jaffettwaw il-proċedura tal-awtorizzazzjoni, huwa xieraq li l-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv prospettivi jintalbu jikkomunikaw tali bidliet mingħajr dewmien żejjed. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit li l-limiti ta' żmien għall-valutazzjoni tal-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 12(8) tar-Regolament (UE) 2020/1503 japplikaw mid-data li fiha l-applikant jipprovdi l-informazzjoni emendata lill-awtorità kompetenti.

¹ ĠU L 347, 20.10.2020, p. 1.

- (5) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentati lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.
- (6) L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuq huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².
- (7) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ u ta opinjoni fl-1 ta' Ġunju 2022,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Deżinjazzjoni ta' punt ta' kuntatt

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaħtru punt ta' kuntatt biex jirċievu l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni bħala fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2020/1503. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu d-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt maħtur aġġornati u għandhom jipubblikaw daww id-dettalji ta' kuntatt fuq is-siti web tagħhom.

Artikolu 2

Formola standard

Il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv prospettivi għandhom jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom għal awtorizzazzjoni bl-użu tal-formola standard li tinsab fl-Anness.

Artikolu 3

Konferma ta' riċevuta

Fi żmien 10 t'ijiem ta' xogħol minn meta tirċievi l-applikazzjoni u minkejja l-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE) 2020/1503 għall-valutazzjoni ta' jekk l-applikazzjoni hijiex kompluta f'konformità ma' dak l-Artikolu, l-awtorità kompetenti għandha tibgħat b'mod elettroniku, fuq karta, jew fiż-żewġ forom, konferma tar-riċevuta lill-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv prospettiv. Dik il-konferma tar-riċevuta għandha tinkludi d-dettalji ta' kuntatt tal-persuni li ser jitrattaw l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni.

Artikolu 4

Sospensjoni ta' limitu ta' żmien fil-każ ta' informazzjoni nieqsa

Meta l-awtorità kompetenti tirrikjedi li l-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv prospettiv jipprovdi informazzjoni nieqsa f'konformità mal-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE) 2020/1503, il-limitu ta' żmien għall-valutazzjoni ta' jekk l-applikazzjoni hijiex

² Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

³ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

kompluta f'konformità ma' dak l-Artikolu għandu jiġi sospiż mid-data li fiha tintalab tali informazzjoni sad-data li fiha tasal.

Artikolu 5
Notifika tal-bidliet

1. Il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv prospettiv għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe bidla fl-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr dewmien żejjed. Il-fornitur ta' finanzjament kollettiv prospettiv għandu jipprovdi n-nuqqas ta' formazzjoni aġġornat billi juża l-formola standard li tinsab fl-Anness.
2. Meta l-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv prospettiv jipprovdi informazzjoni aġġornata, il-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 12(8) tar-Regolament (UE) 2020/1503 għandu jibda jgħodd mid-data li fiha dik l-informazzjoni aġġornata tasal għand l-awtorità kompetenti.

Artikolu 6
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13.7.2022

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN